**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**S.T.O. Prim Imhallef Vincent Degaetano LL.D.**

**Illum 23 ta' Settembru, 2002**

**Appell Nru 132/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Peter Ferdinand *sive* Pierre Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Peter Ferdinand *sive* Pierre Sammut talli fil-5 ta' Mejju, 2001 ghall-habta tas-2.00 a.m. fi Triq ta' L-Ibragg, Swieqi (**1**) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura nru BBD-431 fit-triq jew f'post pubbliku mata ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, u (**2**) talli saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' l-imsemmija vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt; il-prosekuzzjoni talbet li jigu applikati l-provvedimenti ta' l-Artikolu 15H tal-Kap. 65 u li l-imsemmi Sammut jigi skwalifikat mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghall periodu ta' mhux anqas minn sitt xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Mejju, 2002 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Peter Ferdinand *sive* Pierre Sammut mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fl-4 ta' Gunju, 2002 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza r-risposta ta' l-appellat tas-6 ta' Settembru, 2002; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta' Settembru, 2002; ikkunsidrat:

Qabel xejn ghandu jigi precisat li l-eccezzjoni ta' l-appellat tan-nullita` tar-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, sollevata mill-istess appellat fir-risposta tieghu msemmija, giet minnu rtirata fl-udjenza tad-9 ta' Settembru, 2002.

F'dan il-kaz l-Avukat Generali ghandu dritt ta' appell mis-sentenza appellata in forza ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 63 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65). L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu, bazikament, fis-sens li l-ewwel qorti impediet lill-prosekuzzjoni milli ttella' jixhed xhud li kien ammissibbli u li kien indspensabbli sabiex issahhah l-akkuza jew akkuzi kontra l-appellat (allura imputat). Mill-atti jidher li dak li gara f'dan il-kaz kien li fis-26 ta' Lulju, 2001, wara li kienu xehdu hames xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni, l-istess prosekuzzjoni talbet li jixhed l-Ispettur Joseph Cordina. Dan ix-xhud, pero`, ma deherx u giet prezentata riferta. Mhux car mill-istess riferta (fol. 3) jekk din kienitx wahda pozittiva jew negattiva (ghalkemm mill-verbal registrat mill-avukat difensur f'dik l-udjenza, liema verbal jghid li l-imsemmi xhud *"…illum kien ingunt u ma deherx…"*, jidher li l-imsemmi spettur kien fil-fatt regolarment notifikat). Minkejja dan, l-ewwel qorti ddifferiet il-kawza ghal data ohra. Ghalkemm ir-raguni ghal dan id-differiment ma tirrizultax mil-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Lulju, 2001, il-partijiet jaqblu li dana d-differiment inghata sabiex ikun jista' jixhed certu Philip Scicluna[1]. Il-kawza kellha tkompli tinstema' fil-15 ta' Novembru, 2001, pero` f'dik id-data il-magistrat sedenti kienet indisposta u l-kawza giet differita ghat-28 ta' Frar, 2002. Fit-28 ta' Frar, 2002 il-kawza regghet giet differita (il-verbal ma jaghtix raguni ghal dan id-differiment). Fit-23 ta' Mejju, 2002, qabel ma ttella' jixhed Philip Scicluna, il-prosekuzzjoni talbet li jixhed l-Ispettur Cordina li issa kien prezenti fl-awla, izda l-ewwel qorti, fuq insistenza tad-difiza, irriteniet li galadarba huwa ma kienx deher fis-26 ta' Lulju, 2001 huwa ma setax issa jixhed fit-23 ta' Mejju, 2002; ghalhekk il-qorti ghaddiet biex tisma' lil Philip Scicluna u minnufih ippronunzjat is-sentenza liberatorja taghha.

Din id-decizzjoni ta' l-ewwel qorti hija radikalment zbaljata. Il-fatt li xhud ma jidhirx ghal udjenza partikolari ma jfissirx li huwa prekluz milli jixhed f'udjenza ohra, u dan anke f'kawzi sommarji. Ma hemm xejn fil-ligi u fil-gurisprudenza li b'xi mod jissuffraga tali proposizzjoni. Jekk xhud, debitament notifikat, ma jidhirx u l-parti li tkun talbitu ma tirrinunzjax ghalih (u f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni f'xi stadju rrinunzjat ghall-Ispettur Cordina), il-qorti ghandha tghaddi biex tipprovdi skond il-ligi kontra dak ix-xhud u tiddifferixxi sabiex huwa jinstema' f'udjenza ohra. Jekk ix-xhud tal-prosekuzzjoni (bhalma kien l-Ispettur Cordina f'dan il-kaz) ma jidhirx u (i) il-prosekuzzjoni ma tipprezentax riferta jew (ii) ir-riferta tkun wahda negattiva u n-nuqqas ta' notifika jkun attribwibbli ghal xi nuqqas tal-prosekuzzjoni, il-qorti tista' tibqa' ghaddejja bis-smigh tal-kawza u, jekk ma jkunx hemm raguni ohra ghal differiment, tista' wkoll tghaddi minnufih ghas-sentenza (Art. 377(1), Kap. 9). Fil-kaz in dizamina, pero`, il-Qorti tal-Magistrati ma ghaddietx ghas-sentenza izda ddifferiet biex jinstema' xhud iehor. Ghalhekk fit-23 ta' Mejju, 2002 meta l-prosekuzzjoni talbet li jixhed l-Ispettur Cordina qabel ix-xhud Philip Scicluna, dik il-qorti ma setghetx tirrifjuta dik it-talba. L-ilment ta' l-Avukat Generali huwa, ghalhekk, pjenament gustifikat.

[1] Ma hux car mill-atti jekk dana Scicluna kienx xhud tal-prosekuzzjoni jew xhud tad-difiza, pero` dan il-fatt hu, fi kwalunkwe kaz, irrelevanti ghad-determinazzjoni tal-vertenza odjerna.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, sabiex ma tipprivax lill-appellat mill-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-qorti, wara li tisma' l-provi mill-gdid, inkluz l-Ispettur Joseph Cordina, tiddeciedi skond il-ligi dwar l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellat Peter Ferdinand *sive* Pierre Sammut.

Assistent Registratur